# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 30 ta' Novembru, 2022.**

**Numru 11**

**Rikors numru 580/11/2 JZM**

**Wintrade Limited (C 5210)**

**v.**

**Aparthotels Limited (C 4224), Cnus Limited (C 2868), Riza Leisure Complex Limited (C 7330) u, għal kull interess li jista' jkollhom, Noel Rizzo, Stephen Rizzo, Anthony Sammut Alessi u Philip Rizzo u b'digriet tas-16 ta' Ġunju 2022 stante l-mewt ta' Anthony Sammut Alessi l-atti f'ismu ġew trasfużi għal Mary Carmen Sammut sive Sammut Alessi**

1. B'din is-sentenza l-Qorti ser tiddeċiedi l-appell tal-konvenuti Cnus Limited u Philip Rizzo ('appellanti') minn sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2017 fejn ġie dikjarat illi wara l-20 ta' Novembru 2004, il-membri tal-kumpanija konvenuta Aparthotels Limited baqgħu ma appuntawx diretturi jew baqgħu ma rrijappuntawx diretturi. L-

appellanti jilmentaw li dik id-dikjarazzjoni hi *extra petita* għaliex ma kinitx inkluża fit-talba tar-rikors maħluf.

**<u>Preliminari</u>**

2. Il-kumpanija attriċi, Wintrade Limited, hija waħda mill-azzjonisti tal-kumpanija konvenuta <u>Aparthotels Limited</u>, reġistrata fil-25 ta' Ottubru 1978. Il-kumpaniji konvenuti Cnus Limited u Riza Leisure Complex Limited huma l-azzjonisti l-oħra. Il-konvenuti Noel Rizzo, Stephen Rizzo, Anthony Sammut Alessi u Philip Rizzo min-naħa l-oħra huma d-diretturi skont il-*Memorandum and Articles of Association*. Mar-Reġistru tal-Kumpaniji dawk il-persuni għadhom jidhru bħala d-diretturi tal-istess kumpanija.

3. Fis-17 ta' Ġunju 2011 il-kumpanija attriċi fetħet il-kawża u ppremettiet li wara l-31 ta' Dicembru 1999 Noel Rizzo, Stephen Rizzo, Anthony Sammut Alessi u Philip Rizzo ma baqgħux jokkupaw il-kariga ta' direttur b'mod validu u skont il-liġi. Dan għaliex, filwaqt li skont l-Artiklu 14 tal-Istatut ta' Assoċjazzjoni preżentat lir-Reġistratur tal-Kumpaniji fit-30 ta' Diċembru 1997,[1] *"The Directors of the Company shall hold office for a period of two years and shall thereafter be eligible for re-appointment",* skont l-attriċi, wara s-sentejn li għalqu fil-31 ta' Diċembru

[1] In ottemporanza mal-Att dwar il-Kumpaniji (Kap. 386) tal-1995 li kien daħal fis-seħħ meta ġiet abrogata l-Ordinanza dwar Soċjetajiet Kummerċjali (Kap. 168)

1999 il-membri tal-kumpanija konvenuta Aparthotels Limited m'appuntawx diretturi ġodda u ma sarx proċess sabiex dawk li kien hemm jerġgħu jiġu appuntati.

4. Għalhekk l-attriċi talbet:

> *"... previa kull dikjarazzjoni neċessarja, jogħġobha:-*
>
> *1. Tiddeċiedi u tiddikjara illi l-membri tal-kumpannija intimata Aparthotels Limited – cioe` r-rikorrenti Wintrade Limited u l-intimati Cnus Limited u Riza Leisure Complex Limited – qatt ma appuntaw diretturi jew riappuntaw diretturi tal-istess kumpannija intimata Aparthotels Limited kif iridu l-Memorandum u l-Istatut ta' Assoċjazzjoni tal-istess kumpannija intimata Aparthotels Limited wara li t-terminu oriġinali ta' sentejn tal-kariga ta' direttur kif kontemplat fil-Memorandum u fl-Istatut ta' Assoċjazzjoni tagħha kien iddekorra u skada.*
>
> *2. Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ingunti in subizzjoni u b' riżerva għal kull azzjoni oħra spettanti lill-kumpannija rikorrenti kontrihom, inkluż dik għad-danni."*

5. Permezz ta' risposta maħlufa ppreżentata fit-22 ta' Awwissu 2011[2], il-konvenuti Cnus Limited u Philip Rizzo, filwaqt li taw verżjoni tal-fatti f'ċertu aspetti diversa minn dik attriċi, wieġbu illi:

> *"1. L-esponenti jirrispondu illi mhuwiex minnu illi qatt ma gew appuntati jew ri-appuntati diretturi f`Aparthotels Limited wara t-terminu originali ta' sentejn li beda jiddekorri mit-30 ta' Dicembru 1997 u ghaldaqstant it-talba attrici ghandha tigi michuda."*

6. Il-konvenuti l-oħra ġew ukoll notifikati[3].

[2] Fol. 31
[3] Fol. 56 *et seq*

7. B'sentenza tas-27 ta' Ġunju 2017 il-Qorti Ċivili, Prim' Awla ddeċidiet billi ddikjarat:

> *"li l-membri tal-kumpannija konvenuta Aparthotels Limited baqghu ma appuntawx diretturi jew baqghu ma rrijappuntawx diretturi ta' l-istess kumpannija, kif iridu l-memorandum u l-articles of association ta' l-istess kumpannija, wara li fid-29 ta' Novembru 2004 ghadda z-zmien ta' sentejn mill-hatra ta' diretturi hekk kif stipulat fil-memorandum u articles of association tal-istess kumpannija.*
>
> *Tordna illi l-ispejjez kollha ta' din il-kawza, inkluzi dawk tal-provvediment li tat fil-21 ta' Gunju 2012, ghandhom jithallsu in kwantu ghal nofs mill-kumpannija attrici, u in kwantu ghan-nofs l-iehor mill-kumpannija onvenuta Aparthotels Limited."*

8. Il-konvenuti Cnus Limited u Philip Rizzo appellaw mis-sentenza u talbu lil din il-Qorti:

> *"sabiex ... tirrevoka s-sentenza tal-Prim' Awla, fis-sens illi tiċħad it-talba tar-rikorrenti, issa appellata, fl-intier tagħha."*

9. Filwaqt li l-kumpanija attriċi wieġbet illi s-sentenza hija ġusta u timmerita konferma u li, għalhekk, l-appell għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra l-appellanti, il-konvenuti Noel Rizzo, Stephen Rizzo u Anthony Sammut Alessi qalu li ser joqogħdu għad-deċiżjoni tal-Qorti.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

10. L-isfond <u>fattwali</u> hu:

i. Il-kumpanija konvenuta **Aparthotels Limited (C 4224)** twaqqfet fil-25 ta' Ottubru 1978 u fil-*memorandum* relattiv ġew indikati bħala azzjonisti u *first directors* tagħha

Anthony G. Zahra u Winston V. Zahra[4]. L-għan primarju tal-kumpanija kien u għadu:

> *"To construct aparthotels or other premises as tourist complexes and for tourist purposes."*

ii. Ftit wara l-aħwa Noel Rizzo u Vincent Anthony Rizzo daħlu 50%-50% bi sħab ma' Zahra. L-investiment fil-kumpanija sar kif ġej:

- <u>Noel V. Rizzo</u> investa tramite kumpanija bl-isem Tradewind Corporation Limited li fl-1982 ġiet sostitwita bil-kumpanija **Wintrade Limited**, ċioe` l-attriċi. L-azzjonisti ta' din tal-aħħar huma appuntu l-konvenut Noel V. Rizzo u l-erba' uliedu, fosthom il-konvenut Stephen A. Rizzo u Melanie Cruz Benitez li ħalfet ir-rikors promutur.[5] Id-diretturi tagħha huma l-konvenuti Noel V. Rizzo, ibnu Stephen A. Rizzo u bintu Melanie Cruz Benitez (li nħatret fl-2006[6]).[7] Stephen A. Rizzo huwa wkoll segretarju ta' din il-kumpanija[8];

[4] Fol. 410 et seq.
[5] Fol. 459
[6] Fol. 577
[7] Fol. 460
[8] Fol. 460, 437

- Vincent Anthony Rizzo daħal fil-kumpanija permezz tal-kumpanija konvenuta **Cnus Limited**. L-appellant Philip Rizzo, flimkien mat-tliet ħutu, hu azzjonist ta' dik il-kumpanija[9];

iii. B'effett mis-7 ta' Marzu 1979 inħatru bħala diretturi ta' Aparthotels Limited Noel V. Rizzo u Vincent J. Rizzo[10] (iben Vincent Anthony Rizzo). Dan tal-aħħar irreżenja b'effett mill-1 ta' Diċembru 1981 u minfloku nħatar il-konvenut P. E. Rizzo[11]. Madanakollu fl-1982 dan tal-aħħar mar igħix l-Ingilterra[12];

iv. F'April tal-1985 l-aħwa Noel u Vincent iffurmaw *holding company* bl-isem **Riza Leisure Complex Limited**, ukoll konvenuta f'din il-kawża. L-azzjonisti huma Wintrade Limited u Cnus Limited fi kwoti ugwali bejniethom[13] u d-diretturi tagħha huma l-konvenut Noel V. Rizzo u ħuh Vincent Anthony Rizzo, missier il-konvenut Philip E. Rizzo. Din il-*holding company* inħolqot biex tixtri sehem Zahra f'Aparthotels Limited biex b'hekk, bejniethom, l-

---
[9] Fol. 478
[10] Fol. 409
[11] Fol. 408
[12] U baqa' jirrisjedi hemm sa Lulju tas-sena 2002, ara fol. 597 u 666
[13] Fol. 439, 521

aħwa Noel u Vincent Anthony Rizzo saru proprjetarji 100% ta' Aparthotels Limited;

v. Wara li Riza Leisure Complex Limited akkwistat l-ishma ta' Zahra, dawn tal-aħħar ma baqgħux diretturi ta' Aparthotels Limited u ġew eletti diretturi Vincent A. Rizzo u Vincent J Rizzo[14]. L-għada, 3 ta' April 1985, Philip E. Rizzo irreżenja mill-bord tad-diretturi u nħatar minfloku Joseph M. Grech[15];

vi. Ftit wara, fl-1 ta' Lulju 1985 Aparthotels Limited daħlet f'*Occupancy and Allocation Agreement* għal perjodu ta' 50 sena[16] mal-kumpanija Holiday Timesharing Limited[17]. Din tal-aħħar hija proprjeta` tal-konvenut Philip Rizzo u kellha tieħu ħsieb tbiegħ *timeshare units* f'Riza Leisure Complex. Min-naħa l-oħra, l-kumpanija Aparthotels Limited kellha tipprovdi l-*Complex* u tieħu ħsieb il-manutenzjoni tiegħu. Holiday Timesharing Limited kienet tħallasha ammont fiss fis-sena kif ukoll *maintenance charge*;

[14] Fol. 407
[15] Fol. 406
[16] Fol. 628
[17] Fol. 549

vii. Maż-żmien id-diretturi ta' Aparthotels Limited inbidlu kif ġej:

- Joseph M. Grech irreżenja mill-kariga ta' direttur u direttur maniġerjali fid-19 ta' Mejju 1986[18];

- b'effett mid-29 ta' Novembru 1988 irreżenja minn direttur V. J. Rizzo u nħatar minfloku G. J. Rizzo[19] (it-tifel l-ieħor ta' Vincent Anthony Rizzo); u

- b'effett mill-1 ta' Marzu 1994 Philip E. Rizzo, Stephen A. Rizzo, Anthony Sammut Alessi ġew maħtura diretturi Aparthotels Limited filwaqt li George Rizzo u Vincent A. Rizzo ma ġewx ri-appuntati[20];

viii. Fil-frattemp, qatt ma saru laqgħat tal-bord tad-diretturi jew laqgħat ġenerali annwali jew straordinarji. Kienet iżda l-prassi li kull sena l-awdituri[21] jieħdu ħsieb jippreparaw id-

---

[18] Fol. 405
[19] Fol. 404
[20] Fol. 403, 402
[21] A fol. 423 Anthony Sammut Alessi spjega li oriġinarjament l-awdituri kienu *Pricewaterhouse* imma meta dawn ingħaqdu ma' *Cooper Lybrand* fl-1998 ntgħażlu awdituri ġodda. Noel Rizzo għażel id-ditta Deloitte filwaqt li Philip Rizzo ried lill-awditur Richard Giorgio li dak iż-żmien kien Ernst & Young. Għalhekk, minn dak iż-żmien beda jsir *joint audit* minn dawn iż-żewġ ditti, ossija Deloitte u Ernst & Young. Ara wkoll fol. 334

dokumenti kollha neċessarji biex ikunu jistgħu jikkompletaw l-*audited financial statements*. Għalhekk, kienu jippreparaw id-*directors' reports* u jiġu ffirmati r-riżoluzzjonijiet li kien hemm bżonn, kemm jekk huma tad-diretturi jew l-azzjonisti[22];

ix. Fit-30 ta' Diċembru tal-1997 fir-Reġistru tal-Kumpaniji ġiet reġistrata verżjoni aġġornata tal-*Memorandum and Articles of Association* ta' Aparthotels Limited, u dan skont il-Att dwar il-Kumpaniji tal-1995. Hemm tniżżel illi l-*authorised* u *issued share capital* tagħha, fis-somma globali ta' Lm350,000 huwa maqsum f'250,000 sehem ordinarju u 100,000 *ordinary non-participating non voting redeemable preference shares* allokati kif ġej:

- **Wintrade Limited** 100,000 sehem ordinarju u 80,000 8% *preference shares*;
- **Cnus Limited** 25,000 sehem ordinarju u 20,000 8% *preference shares*; u
- **Riza Leisure Complex Limited** 125,000 sehem ordinarju[23];

[22] Fol. 67, 71, 209, 300 et seq.
[23] Fol. 387 et seq.

x. Għalhekk, l-ishma ordinarji fil-kumpanija konvenuta Aparthotels Limited, direttament u indirettament, jappartjenu:

- 65% lil Wintrade Limited, li *inter alia* tappartjeni lill-konvenuti Noel V. Rizzo u ibnu Stephen A. Rizzo;

- 35% lil Cnus Limited, li tappartjeni lill-ulied Vincent Anthony Rizzo fosthom il-konvenut Philip E. Rizzo[24];

xi. Skont il-paragrafu 7 tal-istess *Memorandum of Association*:

> *'The Board of Directors of the Company shall consist of four directors, such that Wintrade Ltd and Cnus Ltd shall have the right to appoint one director each. Riza Leisure Complex Ltd shall have the right to appoint two directors.'*

xii. Fil-paragrafu jissemmew id-diretturi:

- **Noel Rizzo**, appuntat minn Riza Leisure Complex Limited;

[24] Jekk, min-naħa l-oħra, isir kalkolu tal-*authorised* u *issued share capital* kollu tal-kumpanija konvenuta Aparthotels Limited, li jinkludi l-ishma ordinarji kif ukoll il-*preference shares*, Wintrade Limited tiddetjeni madwar 69.274% minnhom u l-kumpanija konvenuta Cnus Limited tiddetjeni t-30.726% l-oħra

- **Philip E. Rizzo**, ukoll appuntat minn Riza Leisure Complex Limited;
- **Stephen A. Rizzo**, appuntat minn Wintrade Limited; u
- **Anthony Sammut Alessi**, appuntat minn Cnus Limited.

xiii. L-Artikolu 14 tal-*Articles of Association* tal-kumpanija konvenuta Aparthotels Limited jipprovdi mbagħad illi:

> *"The Directors of the Company shall hold office for a period of two years and shall thereafter be eligible for re-appointment."*

xiv. L-*accounts* ta' Aparthotels Limited preżentati lir-Reġistratur tal-Kumpaniji minn dik id-data sal-2002 kollha jsemmu lill-persuni fuq imsemmija bħala d-diretturi. Wara s-sena 2002 ma ġew sottomessi ebda *accounts* mar-Reġistratur[25];

xv. Skont kopja ta' riżoluzzjoni tal-azzjonisti ta' Aparthotels Limited datata 29 ta' Novembru 2002, id-diretturi kollha tal-kumpanija kellhom jibqgħu fil-kariga[26];

[25] Fol. 80, 127 – 129, 149 et seq., 168 et seq., 187 et seq.,
[26] Fol. 78, 319

xvi. Id-*draft audited accounts* għas-snin finanzjarji li għalqu fit-30 ta' Ġunju 2003 u fit-30 ta' Ġunju 2004 qatt ma ġew iffirmati mid-diretturi[27]. Dan kien allegatament dovut għall-kwistjoni bejn il-familji ta' Noel Rizzo u ħuh Vincent A. Rizzo dwar investiment ieħor bi sħab bejniethom fi Sqallija, li fih kien involut ukoll George Rizzo (iben Vincent A. Rizzo ħu Philip Rizzo), liema nvestiment ma kellu xejn x'jaqsam mal-operat tal-kumpanija konvenuta Aparthotels Limited[28];

xvii. F'Diċembru 2004 l-involviment ta' Anthony Sammut Alessi fil-ġestjoni tal-konvenuta Aparthotels Limited waqaf. Huwa xehed li baqa' jidher bħala direttur ta' Aparthotels Limited għaliex ħadd ma qallu jirreżenja minn direttur sakemm f'laqgħa li huwa kellu mal-konvenut l-ieħor Philip Rizzo fl-2007, filwaqt li semmew id-differenzi li kellhom, dan tal-aħħar talbu jiffirma '*form K'* bir-riżenja tiegħu minn direttur ta' Aparthotels Limited u hu aċċetta u ffirmaha. Madanakollu, dik ir-riżenja ma ġietx reġistrata mar-Reġistratur tal-Kumpaniji[29]. Philip Rizzo min-naħa l-oħra xehed illi Sammut Alessi telaq għall-għarrieda biex jiftaħ

[27] Fol. 89 - 126
[28] Fol. 428, 550
[29] Fol. 419, 429, 433

*business* fl-istess linja għal rasu u għadu jidher bħala direttur ta' Aparthotels Limited għaliex qatt ma tah il-'*Form K*'[30];

xviii. Fil-frattemp f'Novembru tal-2005 il-familja ta' Noel Rizzo riedu joħorġu mill-investiment kollu f'Riza Leisure u talbu lill-familja ta' Vincent Anthony Rizzo s-somma ta' Lm10,000,000 bħala korrispettiv ta' sehemhom (ossija 65% tal-kapital). Dawn tal-aħħar għamlu kontro-proposta li jbiegħu l-35% tagħhom għall-istess prezz għal kull sehem lil Noel Rizzo iżda ma rċevew l-ebda risposta[31];

xix. Skont il-konvenut Philip Rizzo[32], kien biss fl-2008 li Stephen Rizzo ppreżenta ruħu fir-*reception desk* ta' Riza Leisure Complex flimkien mal-avukat tiegħu u eżiġa li bħala direttur jispezzjona l-istabbiliment tal-lukanda u hekk għamel. Minn dik id-data sal-2010 kien hemm skambju ta' korrispondenza bejn il-konvenuti fejn Noel u Stephen Rizzo identifikaw ruħhom bħala diretturi ta' Aparthotels Limited;

[30] Fol. 616
[31] Fol. 551
[32] Fol. 552

xx. Fost il-korrispondenza skambjata bejn il-partijiet, fl-2009 Philip Rizzo f'isem il-konvenuta Aparthotels Limited u Vincent A. Rizzo f'isem il-konvenuta Cnus Ltd, tramite l-avukat tagħhom, infurmaw lill-konvenuti Noel u Stephen Rizzo illi peress li huma kienu qed jirrifjutaw jiffirmaw il-*financial statements* ta' Aparthotels Limited għas-snin 2003 sa 2008, il-kumpanija ma setgħetx tottempora ruħha mal-liġijiet fiskali u esponiet ruħha għal *estimated tax* ta' iktar minn €370,000[33] minflok is-somma ta' madwar €50,000 li kienet dovuta. Skont il-konvenut Philip Rizzo, f'dak il-kuntest, fit-22 ta' Frar 2010 l-avukati tal-partijiet kienu abbozzaw riżoluzzjoni tal-azzjonisti, flimkien mal-'*Form K'* relattiva, fis-sens illi:

> *"The shareholders have resolved to reappoint as directors:*
>
> *Mr Noel Rizzo ...*
> *Mr Philip E Rizzo*
> *Mr Stephen Rizzo*
>
> *The shareholders have resolved to appoint as director:*
>
> *Mr Michael Rizzo*
>
> *The shareholders have resolved not to re-appoint as director:*
>
> *Mr Anthony Sammut Alessi"*[34]

xxi. Dik ir-riżoluzzjoni ma ġietx approvata;

---
[33] Fol. 695
[34] Fol. 699

xxii. Matul is-sena 2010 kien hemm tliet laqgħat bejn il-partijiet. L-ewwel fosthom kienet it-30 ta' April 2010, oħra fil-25 ta' Mejju 2010 u oħra fis-7 ta' Lulju 2010[35]. Skont il-konvenut Philip Rizzo dawn kienu *board meetings* filwaqt li Noel u Stephen Rizzo jikkontendu li ma kinux[36];

xxiii. Skont Philip Rizzo, kien f'Ottubru 2010[37] li l-attriċi bdiet tgħid li m'għandhiex diretturi u minn dak iż-żmien ma sarux laqgħat.

11. F'dan il-kuntest, il-Qorti tal-ewwel grad għamlet *inter alia* dawn il-konsiderazzjonijiet:

> *"Il-Qorti fliet ir-rizoluzzjonijiet ezebiti u tara li dik li taqa' fil-parametri ta' dak rikjest mill-Art 210 tal-Kap 386 hija dik ezebita a fol 78 u 319 li hija ffirmata mill-azzjonisti ta` Aparthotels Limited u hija datata 29 ta' Novembru 2002.*
>
> *Fir-risoluzzjoni jinghad:-*
>
> > *"It is hereby resolved that all the directors of the company continue in office."*
>
> *...*
>
> *... Dawn ir-rizoluzzjonijiet baqghu ma gewx rintraccjati peress illi twarrbu ghaliex id-ditta ta' awdituri tnaddaf l-arkivji taghha kull ghaxar snin. Ghalkemm ma kinux rintraccjati ma jfissirx illi r-rizoluzzjonijiet ma sarux. Tant hu hekk illi Stephen Paris xehed illi l-audit ma kienx jinghalaq qabel ma jigu ffirmati r-rizoluzzjonijiet kollha necessarji kemm mid-diretturi u mill-azzjonisti.*

[35] Fol. 651, Fol. 675 et seq.
[36] Fol. 609, 668 – 669, 703 et seq.
[37] Fol. 82, 552

*Apparti d-deposizzjoni ta` Stephen Paris, li kienet korraborata minn Patrick Warrington u Philip Rizzo, il-Qorti qieset ukoll illi kemm Noel Rizzo u Stephen Rizzo agixxew ta' diretturi wara l-31 ta` Dicembru 1999. Jirrizulta li ffirmaw diversi dokumenti bhala diretturi ...*

*Irrizulta wkoll li d-directors` report anness mal-kontijiet finanzjarji ghas-snin 1999 sa 2002 kienu kollha ffirmati mid-diretturi, kienu jikkonfermaw min kienu d-diretturi dak iz-zmien, u kif ukoll kienu jistipolaw illi d-diretturi kienu ser jirtiraw fil-laqgha generali annwali li jmiss u jergghu joffru lilhom nfushom ghall-kariga.*

*...*

*Meta tqis il-provi fl-assjem taghhom, il-Qorti konvinta li saret il-prova sal-grad rikjest mil-ligi li effettivament gew iffirmati mill-azzjonisti ta` Aparthotels Limited rizoluzzjonijiet bil-miktub li jahtru d-diretturi ghas-snin 1999, 2000, 2001 u 2002.*

*...*

*Il-Qorti tkompli tishaq illi kieku kellha tqis l-effetti tar-rizoluzzjoni tad-29 ta` Novembru 2002 tghid illi biha ntwera bic-car li l-azzjonisiti kellhom intenzjoni cara li Noel Rizzo, Philip Rizzo, Anthony Sammut Alessi u Stephen Rizzo kellhom ikunu d-diretturi ta` Aparthotels Limited. U li dik ir-rizoluzzjoni semmai kienet tirrattifika kull nuqqas li seta` kien hemm fil-hatra taghhom ghas-snin precedenti.*

*Fuq nota finali dwar din il-kwistjoni, il-Qorti taghmel referenza ghall-kwistjoni dibattuta hafna dwar jekk tlett laqghat li saru fl-2010 kinux jammontaw ghal laqghat tal-bord tad-diretturi.*

*...*

*Ghal din il-Qorti, il-kwistjoni ta' jekk il-laqghat li saru fl-2010 jammontawx ghal laqghat tal-bord tad-diretturi jew ghal semplici laqghat bonarji bejn il-kontendenti hija irrelevanti.*

*...*

*... jekk sarux laqghat tal-bord tad-diretturi jew xi laqghat ohra fl-2010 ma jbiddel xejn mill-fatt li wara li ghaddew sentejn mill-2002, ma gew iffirmati l-ebda rizoluzzjonijiet mill-azzjonisti ghal riappuntar ta' diretturi u lanqas ma nzammu laqghat generali annwali.*

*Ghalhekk in-natura ta' l-laqghat tal-2010 tista` tghin fl-investigazzjoni ta' jekk kienx hemm diretturi de facto fl-Aparthotels Limited.*

*Madanakollu l-kawza tal-lum tittratta dwar jekk kienx hemm diretturi de jure, u ghalhekk ikun inutli li toqghod taghmel ezami dwar kif kellhom jitqiesu u kkunsidrati il-laqghat tal-2010.*

*Fil-pagna 389 ta’* ***Principles of Maltese Company Law*** *(op. cit.) Andrew Muscat jirreferi ghas-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell tad-29 ta’ April 1996 fil-kawza* ***Direttur tas-Sigurta Socjali vs Paul Vella pro et noe****.*

*Ighid hekk:-*

> *“In Direttur tas-Sigurta` Socjali vs Paul Vella pro et noe, the duration of a director`s term of office had been expressly set out in the memorandum and articles of association. The Court of Appeal held that the director`s term of office effectively expired as stated in the memorandum and articles of association, even though no Form K had been filed.*
>
> *The Court of Appeal emphasized that the memorandum and articles of association was a public document and that anyone examining the document would have been aware that the director’s terms of office had expired.”*

*Ghalhekk mhux rilevanti ghall-mertu tal-kawza tal-lum jekk kenitx ipprezentata Form K.*

*Dak li huwa importanti huwa li z-zmien ta` sentejn iddekorra mill-ahhar rizoluzzjoni li saret u ma saret l-ebda laqgha generali annwali u rizoluzzjoni mill-azzjonisti ghal riappuntar jew appuntar ta` diretturi.*

***Tenut kont ta` dan kollu, din il-Qorti tqis li kien ippruvat li bejn il-31 ta’ Dicembru 1999 sad-29 ta` Novembru 2004 kien hemm diretturi de jure li gew appuntati fi hdan Aparthotels Limited. Mhux l-istess jista` jinghad ghall-perijodu mid-29 ta’ Novembru 2004 sad-data ta` llum, fejn ma jirrizultax li kien hemm diretturi de jure appuntati ghal Aparthotels Limited****.’*

12. L-Ewwel Qorti kkunsidrat ukoll:

*“l-Qorti tqis li kawzali kif espressa fir-rikors promotur tal-azzjoni ma tistax tinbidel tul it-trattazzjoni tal-kawza.*

*Il-Qorti ghandha taghti decizjoni dwar it-talbiet kif dedotti.*

*...*

*Huwa minnu li s-socjeta` rikorrenti bbazat il-premessi taghha u t-talba taghha fuq il-pretensjoni illi l-azzjonisti ta` Aparthotels Limited qatt ma appuntaw diretturi godda jew riappuntaw l-ewwel diretturi wara li ghaddew is-sentejn mill-31 ta` Dicembru 1997 sal-31 ta` Dicembru 1999.*

*Huwa minnu wkoll illi t-talba attrici saret specifikament sabiex jigi dikjarat li qatt ma gew appuntati jew riappuntati diretturi wara t-terminu originali ta` sentejn li ddekorra fil-31 ta` Dicembru 1999.*

*Il-Qorti qieset li t-talba kif impostata hija specifika sabiex ikun hemm dikjarazzjoni li qatt ma gew appuntati diretturi jew riappuntati diretturi wara li skada t-terminu originali ta` sentejn tal-kariga taghhom.*

*Izda l-Qorti tqis ukoll li kien hemm diversi istanzi fejn kienet mitluba tordna li l-konvenut ghandu jhallas lill-attur somma specifika, izda mbaghad ladarba ssib li s-somma kienet wahda inferjuri u anqas minn dik mitluba, hija tiddeciedi li tiddikjara li l-konvenut ghandu jhallas lill-attur is-somma hekk inferjuri u mhux dik mitluba. B`daqshekk, il-Qorti ma tkunx marret barra mit-talba (ara t-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet tal-ahhar bil-fomm).*

*Issa fil-kawza tal-lum, qed jintalab li jigi dikjarat li ma kienx hemm diretturi appuntati jew rijappuntati minn perijodu li beda wara li skadew is-sentejn tal-kariga originali taghhom fil-31 ta` Dicembru 1999 sal-prezenti data.*

*Dak li sejra taghmel il-Qorti ma jmurx lil hinn minn dak li qed jigi mitlub.*

*Infatti stabbilit li ma gewx appuntati jew rijappuntati diretturi de jure fl-Aparthotels Limited mhux mill-31 ta' Dicembru 1999 izda mid-29 ta' Novembru 2004 sal-prezenti data.*

*Dak li qed tiddikjara jaqa` fl-ambitu tat-talba tas-socjeta` rikorrenti peress li qed isir huwa li qed jigi biss mnaqqas it-terminu li fih ma gewx appuntati diretturi godda jew rijappuntati diretturi precedenti.*

***Ghalhekk sejra tilqa` t-talba attrici limitatament."***

13. Fir-rikors tal-appell il-konvenuti Cnus Limited u Philip Rizzo jinsistu illi:

*"tenut kont tat-talba kif dedotta, il-Qorti ma setgħetx tiddeċiedi billi tagħhmel dikjarazzjoni differenti minn dik mitluba. B' mod aktar speċifiku, it-talba kienet waħda dikjaratorja u l-Qorti setgħat biss tilqagħha jew tiċħadha fl-intier tagħha mingħajr ma tvarjaha kif filfatt għamlet. L-appellanti ressqu l-każ u l-provi tagħhom abbażi tal-premessi u t-talba kif dedotta fir-rikors promutur."*

14. Iżidu illi l-analoġija li għamlet l-Ewwel Qorti, bejn il-kawża odjerna u kawża fejn konvenut jiġi mitlub iħallas somma speċifika iżda jiġi

kkundannat iħallas somma verjuri, hija żbaljata għaliex tinjora d-distinzjoni bejn talba għal dikjarazzjoni ta' fatt u r-rimedju mitlub. L-appellanti jisħqu iżda li f'dan il-każ l-attriċi ma talbet l-ebda rimedju iżda biss dikjarazzjoni fis-sens li wara l-31 ta' Diċembru 1999 **qatt** ma ġew appuntati diretturi fil-kumpanija Aparthotels Limited. Jikkontendu għalhekk li l-eżitu kellu jkun jew wieħed pożittiv jew wieħed negattiv iżda mhux dikjarazzjoni diversa minn dik mitluba mill-attriċi. Dan aktar u aktar fil-kuntest tal-fatt illi matul l-andament tal-kawża l-attriċi qatt ma talbet li jinbidel dak li talbet fir-rikors maħluf. Isostnu għalhekk li s-sentenza hi *extra petita* u mhux sempliċement *ultra petita* (aktar minn dak li ntalab) billi toħloq stat ta' fatt li ma kienx mitlub. Jinsistu illi peress matul il-perjodu sad-29 ta' Novembru 2004 kien hemm diretturi appuntati, il-Qorti kellha sempliċement tiċħad it-talba tal-attriċi u tieqaf hemm.

15. L-appellata Wintrade Limited wieġbet illi l-appell ta' Cnus Limited u Philip Rizzo għandu jiġi miċħud. Dan għaliex, fil-fehma tagħha:

> *"sakemm il-Qorti tibqa' fil-konfini tad-dikjarazzjoni u ma tiddikjarax aktar minn dak mitlub mill-attur (ultra petita) jew tiddikjara dak mitlub mill-attur għal raġuni differenti minn dik mogħtija minnu (extra petita) hija tkun qegħda tiddeċiedi b' mod proċeduralment korrett."*

16. Huwa minnu li qorti għandha tiddeċiedi a bażi ta' dak li jintalab u bl-eċċezzjoni ta' kwistjonijiet ta' ordni pubbliku m'għandhiex titratta kwistjonijiet li l-partijiet ma jkunux qajmu. Madankollu kuntrarjament għal dak li tippretendi l-appellanti, fejn jirriżulta li t-talba attriċi tkun tista'

tintlaqa' parti minnha, m'hemm xejn x'iżomm lill-qorti milli tiddeċiedi b'dak il-mod. Dan irrispettivament jekk it-talba tkunx waħda purament dikjaratorja jew le.

17. Skont l-Ewwel Qorti, id-deċiżjoni tagħha tinkwadra ruħha proprju f'dan l-aħħar xenarju. Fil-fehma tagħha kull ma għamlet huwa li laqgħat it-talba attriċi għal parti mill-perjodu ta' żmien li għalih jirreferi r-rikors maħluf. Dan billi ddikjarat li diretturi fl-Aparthotels Limited ma ġewx appuntati/rijappuntati, mhux mill-31 ta' Diċembru 1999 sallum, iżda mid-29 ta' Novembru 2004 'l quddiem.

18. Il-premessi li fuqhom il-kumpanija attriċi bbażat it-talbiet tagħha huma:

> *"1. Illi fil-25 ta' Ottubru 1978 giet irregistrata l-kumpannija intimata Aparthotels Limited.*
>
> *2. Illi l-membri ta' din il-kumpannija huma l-kumpannija rikorrenti Wintrade Limited u l-kumpaniji intimati Cnus Limited u Riza Leisure Complex Limited.*
>
> *3. Illi l-Memorandum u l-Istatut ta' Assocjazzjoni vigenti tal-kumpannija intimata Aparthotels Limited huma dawk li gew irregistrati fil-31 ta' Dicembru 1997 (Dok. A).*
>
> *4. Illi skont l-imsemmi Memorandum ta` Assocjazzjoni l-ewwel diretturi ta` Aparthotels Limited kienu l-intimati Noel Rizzo, Stephen Rizzo, Anthony Sammut Alessi u Philip Rizzo filwaqt illi skont il-klawsola 11 tal-istess Memorandum " The Legal and judicial representation of the Company shall be vested in any director of the Company then holding office …".*
>
> *5. Illi skont l-artiklu 14 tal-Istatut ta` Assocjazzjoni "The Directors of the Company shall hold office for a period of two years and shall thereafter be eligible for re-appointment".*

> *6. Illi l-membri tal-kumpannija intimata Aparthotels Limited – cioe` r-rikorrenti Wintrade Limited u l-intimati Cnus Limited u Riza Leisure Complex Limited – qatt ma appuntaw diretturi godda jew riappuntaw l-ewwel diretturi kif iridu l-Memorandum u l-Istatut ta` Assocjazzjoni wara dawn is-sentejn, liema sentejn ghalqu fil-31 ta` Dicembru 1999.*
>
> *7. Illi minkejja dan, l-atti u d-dokumenti mizmumin mir-Registratur tal-Kumpaniji jindikaw li l-intimati Noel Rizzo, Stephen Rizzo, Anthony Sammut Alessi u Philip Rizzo huma d-diretturi tal-kumpannija intimata Aparthotels Limited u, per konsegwenza, li l-istess intimati huma il-"Legal Representatives" u "Judicial Representatives" taghha.*
>
> *8. Illi ciononostante, l-intimati jew min minnhom qed jippretendu li l-kumpannija Aparthotels Limited ghandha diretturi validament u legalment appuntati mill-azzjonisti taghha ..."*

19. Għalhekk talbet sabiex:

> *"1. Tiddeciedi u tiddikjara illi l-membri tal-kumpannija intimata Aparthotels Limited – cioe` r-rikorrenti Wintrade Limited u l-intimati Cnus Limited u Riza Leisure Complex Limited –* ***qatt*** *ma appuntaw diretturi jew riappuntaw diretturi tal-istess kumpannija intimata Aparthotels Limited kif iridu l-Memorandum u l-Istatut ta' Assocjazzjoni tal-istess kumpannija intimata Aparthotels Limited wara li t-terminu originali ta' sentejn tal-kariga ta' direttur kif kontemplat fil-Memorandum u fl-Istatut ta` Assocjazzjoni taghha kien iddekorra u skada."* (enfasi tal-Qorti)

20. L-appellata Wintrade Limited mhijiex tikkontesta l-fatt illi b' riżoluzzjoni datata 29 ta' Novembru 2002 l-azzjonisti ta' Aparthotels Limited kienu qablu li d-diretturi tagħha kellhom ilkoll jibqgħu f'dik il-kariga għal perjodu ulterjuri ta' sentejn. Isegwi għalhekk li hemm qbil li t-talba eżattament kif dedotta, li tirreferi għall-perjodu li beda mill-31 ta' Diċembru 1999 'l quddiem, ma kellhiex tintlaqa'.

21. L-ilment tal-appellanti hu biss jekk il-Qorti tal-ewwel grad setgħetx tilqa' t-talba attriċi għal perjodu differenti minn dak dikjarat fir-rikors tal-

appell. Skont l-appellanti, bl-użu tal-kelma '**qatt**', l-attriċi għamlitha ċara li t-talba kienet limitata għall-perjodu mill-31 ta' Diċembru 1999 'l quddiem u għalhekk ma setgħetx tilqa' t-talba mid-29 ta' Novembru 2004 'l quddiem.

22. Il-Qorti ma taqbilx. Minkejja l-kelma *'qatt'* fit-talba attriċi, m'hemmx dubju li l-perjodu li beda mid-29 ta' Novembru 2004 hu nkluż fil-perjodu li għalih tirreferi t-talba attriċi. Tant hu hekk li kien l-appellant Philip Rizzo nnifsu li ressaq il-prova li b'riżoluzzjoni datata 29 ta' Novembru 2002 l-azzjonisti ta' Aparthotels Limited kienu kkonfermaw il-ħatra tad-diretturi tagħha għal sentejn ulterjuri skont l-*Articles of Association* tal-kumpanija[38]. Ressaq ukoll diversi provi dwar is-snin sussegwenti u bihom argumenta li l-*board* tad-diretturi *de facto* ltaqa' tliet darbiet fl-2010. Argument li l-Ewwel Qorti warrbet u dwaru ma sarx appell.

23. L-appellanti argumentaw li fil-kawża ressqu provi skont it-talba tal-attriċi u mhux skont dak li ddeċidiet l-Ewwel Qorti. Pero` l-appellanti ma qalux x'suppost kienu l-provi differenti li setgħu jressqu apparti dawk li hemm fl-atti. Hu evidenti li l-appellanti ma sofrew l-ebda preġudizzju fil-mod kif iddeċidiet l-Ewwel Qorti għaliex il-perjodu li dwaru l-Ewwel Qorti laqgħet it-talba, hu kompriż fl-ewwel talba tal-attriċi appellata. Hu parti mill-kontroversja fil-kawża. Inoltre, kull parti kellha opportunita` tressaq

[38] Fol. 78, 127 et seq. speċifikament fol. 130

il-provi kollha li riedet, ovvjament ukoll dwar il-perjodu li dwaru l-Ewwel Qorti laqgħet it-talba attriċi. Hu ċar li f'dan il-każ m'hemmx *extra petita*.

24. Dan hu appell li serva biss biex il-kwistjoni titwal u jiżdiedu l-ispejjeż ġudizzjarji bla bżonn. Billi l-ilment tal-appellanti dwar is-sentenza appellata hu fieragħ il-Qorti ser tordna lill-appellanti sabiex iħallsu l-ispejjeż ġudizzjarji għal darbtejn (Art. 223(4) tal-Kap. 12).

Għal dawn il-motivi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż kollha a karigu tal-appellanti.

Tikkundanna lill-appellanti jħallsu l-spejjeż għal darbtejn (Artikolu 223(4) tal-Kap. 12).

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr